KAMRA TAD-DEPUTATI

MALTA

HOUSE OF REPRESENTATIVES

*Skrivan tal-Kamra*

*Office of the Clerk*

26 ta' Novembru 2018

Ghaziz Dr. Borg Cardona,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-21 ta' Novemberu 2018 fir-rigward tar-ruling mogħti mis-Sedja fl-20 ta' Novemberu 2018, liema deċiżjoni ġiet komunikata lis-Sur Jurgen Balzan u s-Sj Caroline Muscat bħala l-persuni reponsabbli minn "theshiftnews.com" dakinhar stess. Jiena ġejt awtorizzat mill-iSpeaker biex nibgħat din it-tweġiba.

Is-Sedja tixtieq tirrileva li skont il-proċedura kif dettata fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, senjatament l-Ordni Permanenti 75, kull korrispondenza indirizzata lejn l-Uffiċċju tal-iSpeaker għandha tiġi ndirizzata lill-iSkrivan tal-Kamra u mhux lill-iSpeaker direttament. Inoltre dan lanqas huwa l-mod kif jigu diskussi r-rulings tal-ispeaker li l-ambitu tad-diskussjoni taghhom huwa fil-Parlament u dan skont l-istess Ordnijiet Permanenti 62.

Is-Sedja tixtieq tirrileva wkoll li bl-ebda mod ma tixtieq u trid trazzan il-libertà ta' esperessjoni ta' hadd; f'demokrazija kull bniedem għandu d-dritt għall-fehmiet tiegħu u li dawn il-fehmiet jesprimihom. Ir-ruling tal-iSpeaker jirriferixxi biss għal rapport ta' dak li nghad fil-Parlament u ma għandux u mhux intiz biex jillimita l-libertà ta' espressjoni ta' hadd. Kif jigri fil-Parlamenti kollha tad-dinja demokratika, rapport ta' dak li jingħad fil-Parlament irid ikun korrett, fidil, u bilanċjat; dan huwa necessarju f' demokrazija li tirrispetta lilha nnifisha. Mhux permissibili li rapport ta' dak li jingħad fil-Parlament ma jkunx jirrifletti korrettement dak li fil-fatt inghad fil-Parlament. Kummenti oħra u opinjonijiet li ma għandhomx x' jaqsmu ma' rapport ta' dak li jingħad fil-Parlament ma jaqawx fil-mansjoni tas-Sedja u ċertament ir-ruling qatt ma kien intiz li jindirizza affarijiet bħal dawn. Naturlament jekk inti ma tixtieqx tifhem dan, anke dan huwa fil-libertà tieghek. Is-Sedja ma jidhrilix li għandha għalfejn tiddilunga ruħha fuq dan il-punt ghaliex hija tal-fehma li inti dan tafu ben tajjeb.

Għaldaqastant, fid-dawl ta' din il-kjarifika, is-Sedja qiegħda tistenna li l-klijenti tiegħek jottemporaw ruħhom mar-ruling fuq imsemmi.

Inselli għalik

**Raymond Scicluna**
**Skrivan tal-Kamra**